**A.L. 81 ta' l-2007**

**ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**L-Ordinamenti ta' l-2007 għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - fl-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

**Titolu u Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2007 għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil. - fl-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u ta' Master of Philosophy - M.Phil. - skond il-każ;

"l-Istitut'" tfisser l-Istitut għall-Ħarsien tas-Saħħa;

"il-Kumitat għall-M.Phil. u l-Ph.D." tfisser il-Kumitat maħtur mis-Senat kif preskritt mir-regolament 4 tar-Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti ta' l-1998 għall-Gradi ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - u Master of Philosophy - M.Phil.

**L-Applikabilita'**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru 2006 'il quddiem.

**Ir-Reġistrazzjoni għall-Gradi**

3. Applicant ikun eliġibbli biex jirreġistra għall-grad ta' M.Phil. jekk hu/hi:

(a) għandu/għandha l-ewwel grad f'suġġett relatat b'mill-anqas it-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri); jew

(b) għandu/għandha kwalifika ta' grad ekwivalenti approvata mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord.

4. Fejn is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord, iqis meħtieġ, huwa jista' jitlob lill-applikanti li jtemmu b'suċċess numru ta' taqsimiet studju taħt dawk il-kundizzjonijiet li huwa jista' jimponi.

5. Qabel ma jitħalla jirreġistra għall-grad ta' Ph.D., applikant li jkollu l-kwalifiki indikati fil-paragrafu (a) ta' l-ordinament 3 għandu normalment ikun meħtieġ l-ewwel jirreġistra għall-grad ta' M.Phil. F'ċirkostanzi eċċezzjonali biss għandu l-applikant ikun ikkunsidrat għal reġistrazzjoni diretta għall-grad ta' Ph.D.

**Il-Progress u s-Superviżjoni**

6. L-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jirreġistraw kull tnax-il xahar fuq ir-rakkomandazzjoni bil-miktub tas-superviżur tagħhom.

7. Fil-każ fejn is-superviżur maħtur għall-student ma jkunx jista' jkompli jipprovdi s-superviżjoni, superviżur ieħor għandu jkun maħtur biex l-istudent ikun jista' jkompli bl-istudju/i tiegħu/tagħha.

**It-Trasferiment tar-Reġistrazzjoni**

8. It-trasferiment ta' l-istudji mill-M.Phil. għall-grad ta' Ph.D. ikun ikkunsidrat skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

**Is-Seminars ta' Riċerka**

9. L-Istitut jagħti importanza kbira li l-istudenti għall-gradi jassoċjaw ruħhom ma' studenti oħra li qed jagħmlu riċerka u mal-membri ta' l-istaff. Għaldaqstant l-istudenti jkunu meħtieġa jieħdu sehem bis-sħiħ fis-seminars ta' riċerka ta' l-Istitut u jippreżentaw għall-anqas seminar wieħed matul il-kors ta' l-istudji tagħhom.

**It-Tibdil fit-Titlu**

10. Xi tibdil fit-titlu tat-teżi jew tad-dissertazzjoni għandu jkun approvat mis-Senat, li jaġixxi fuq il-parir tal-Bord, u wara rakkomandazzjoni bil-miktub mis-superviżur ta' l-istudent.

**Il-Preżentazzjoni tat-Teżi/tad-Dissertazzjoni għall-Eżami**

11. B'żieda mar-regolament 3 tar-Regolamenti Prinċipali, teżi għall-grad ta' Ph.D. għandha tirrapporta l-iskoperta ta' fatti ġodda u/jew turi li l-istudent uża kapaċita' kritika indipendenti biex jasal għall-konklużjonijiet irrapportati. Fiż-żewġ aspetti, l-istudent għandu jindika ċarament sa fejn it-teżi tħaddan ir-riżultati tar-riċerka u l-osservazzjonijiet tiegħu/tagħha, u sa fejn l-investigazzjoni tmexxi 'l quddiem l-istudju fis-suġġett.

12. Meta jissottomettu teżi jew dissertazzjoni għall-eżami skond ir-regolament 10 tar-Regolamenti Prinċipali, l-istudenti għandhom jissottomettu ħames kopji llegati bl-ispajral, skond il-format indikat fl-ordinamenti 13 u 14 (ħlief li m'għandhomx ikunu llegati iebsin) lill-Uffiċjal Amministrattiv ta' l-Istitut. L-Uffiċjal Amministrattiv għandu jiffirma għall-kopji mogħtija u joħroġ riċevuta bid-data.

**Il-Format u l-Preżentazzjoni tat-Teżi**

13. (1) It-teżijiet għal Ph.D. normalment m'għandhomx jaqbżu s-60,000 kelma, minbarra l-appendiċi, il-bibljografiji, il-glossarji u l-*footnotes*.

(2) Id-dissertazzjonijiet għal M.Phil. normalment m'għandhomx jaqbżu l-50,000 kelma, minbarra l-appendiċi, il-bibljografiji, il-glossarji u l-*footnotes*.

14. (1) It-teżijiet/id-dissertazzjonijiet għandhom ikunu ppreżentati f'dan il-format:

(a) ittajpjati jew ipprintjati, b'tipa ta' qis 12, fuq karta bajda ta' kwalita' tajba ta' qis A4, fuq naħa waħda biss; il-test għandu jkun bi spazju doppju;

(b) il-marġni għandhom ikunu mill-inqas ta' 20 mm minn fuq, minn isfel u mil-lemin u 40 mm mix-xellug;

(ċ) għandhom ikunu llegati bid-drapp (preferibilment iswed), bi qxur iebsin u b'karti tat-truf ta' kwalita' tajba, b'ittri (preferibilment bid-deheb) fuq quddiem u fuq id-dahar li juru:

(i) l-isem ta' l-istudent;
(ii) l-isem jew l-isem fil-qosor tat-teżi/tad-dissertazzjoni;

(iii) il-grad li għalih it-teżi/id-dissertazzjoni qed tkun sottomessa;
(iv) is-sena meta ġiet sottomessa.

Il-mapep, id-disinji, il-*graphs,* il-materjal stampat, id-*diskettes,* eċċ. għandhom ikunu llegati mat-teżi/mad-dissertazzjoni, iżda jekk dan ma jkunx possibbli għandhom ikunu ppreżentati għalihom f'*folders* jew f'volumi speċjali u nnumerati.

15. Sunt qasir tat-teżi/tad-dissertazzjoni, ta' mhux aktar minn 500 kelma, għandu jkun illegat ma' kull kopja mogħtija lill-Università.

16. L-istudenti jistgħu jippubblikaw it-teżi kollha jew parti minnha qabel ma jissottomettuha għall-eżami, sakemm li fix-xogħol ippubblikat ma jingħadx li qed tkun ikkunsidrata għall-grad ogħla. Dan ix-xogħol ippubblikat jista' aktar tard ikun inkorporat fit-teżi mogħtija għall-eżami, sakemm li ssir dikjarazzjoni dwar dan fiha kif meħtieġ mir-Regolamenti Prinċipali.

17. L-istudenti għandhom jissottomettu kopja tal-verżjoni finali tat-teżi/tad-dissertazzjoni tagħhom, fi żmien sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat, lil kull membru tal-Bord ta' l-Eżaminaturi, kif ukoll żewġ kopji lill-Uffiċjal Amministrattiv ta' l-Istitut, li waħda minnhom għandha tinżamm fil-Biblijoteka ta' l-Università u l-oħra tinżamm fid-diviżjoni kkonċernata. Dawn iż-żewġ kopji u l-kopja tas-superviżur għandhom ikunu llegati b'qoxra iebsa kif indikat fl-ordinament 13.

**Il-Proċeduri tal-Bord ta' l-Eżaminaturi**

18. (1) Il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jiltaqa' wara li jirċievi r-rapport preliminari minn għand l-eżaminatur barrani, li m'għandux għalfejn ikun preżenti għal din il-laqgħa. Ir-rapport preliminari ta' l-eżaminatur barrani għandu jingħata kunsiderazzjoni xierqa.

(2) Jekk, matul il-laqgħa msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jħoss li t-teżi/id-dissertazzjoni laħqet il-livell meħtieġ li jippermetti li l-istudent jipproċedi għall-eżami orali, huwa għandu jinforma lill-istudent bil-miktub bid-data ta' l-eżami orali, mhux aktar tard minn ġimgħatejn qabel m'għandu jsir l-eżami orali.

(3) Jekk, matul il-laqgħa msemmija fil-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jħoss li t-teżi/id-dissertazzjoni ċarament ma tissodisfax ir-rekwiżiti għal grad li għalih ġiet ippreżentata, huwa għandu jirreferiha lura lill-istudent biex jirrivediha skond il-provvedimenti tal-paragrafi (1) u (2) tar-regolament 12 tar-Regolamenti Prinċipali u għandu jissottometti rapport lill-Bord.

19. Fl-evalwazzjoni ta' l-istudent għall-għoti tal-grad ikkonċernat, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jqis kemm it-teżi/id-dissertazzjoni kif ukoll il-livell milħuq mill-istudent matul l-eżami orali. Rapport dettaljat bil-miktub għandu jintbgħat lis-Senat permezz tal-Bord.

20. Fir-rapport speċifikat fl-ordinament 19, il-Bord ta' l-Eżaminaturi għandu jirrakkomanda wieħed minn dawn ir-riżultati:

(a) li t-teżi/id-dissertazzjoni hija meqjusa sodisfaċenti, possibilment wara li xi żbalji tipografiċi jew ta' kitba jkunu kkoreġuti, iżda li ma għandhomx bżonn l-approvazzjoni tas-superviżur; jew

(b) li t-teżi/id-dissertazzjoni hija meqjusa sodisfaċenti jekk isiru reviżjonijiet li huma ta' natura editorjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-preżentazzjoni tal-materjal. Reviżjonijiet bħal dawn għandhom bżonn l-approvażżjoni tas-superviżur biss, li għandu jinforma lill-Bord ta' l-Eżaminaturi bil-miktub li r-reviżjonijiet ikunu saru skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bord ta' l-Eżaminaturi sa mhux akar tard minn xahar wara l-eżami orali ta' l-istudent; jew

(ċ) li t-teżi/id-dissertazzjoni mhix sodisfaċenti fil-forma preżenti, u għandha bżonn ħsieb u/jew riċerka sostanzjali mill-ġdid; jew

(d) li t-teżi/id-dissertazzjoni ma laħqitx il-livell meħtieġ għall-għoti tal-grad, u li eżami mill-ġdid ta' l-istess riċerka mhux permess.

21. Fil-każ ta' teżi għall-Ph.D. li ma tiġix approvata skond il-paragrafu (d) ta' l-ordinament 20, il-Bord ta' l-Eżaminaturi jista' jirrakkomanda lis-Senat li jingħata l-grad ta' M.Phil.

**Il-Proċedura waqt l-Eżami Orali**

22. Waqt l-eżami orali, l-istudent hu mistenni jippreżenta sunt tat-teżi/tad-dissetrtazjoni ta' madwar 20 minuta, u wara jwieġeb għall-mistoqsijiet tal-membri tal-Bord ta' l-Eżaminaturi. Is-superviżur għandu jiżgura li l-istudent jaf bil-proċedura li se tintuża.

**L.N. 81 of 2007**

## EDUCATION ACT
## (CAP. 327)

### Bye-Laws for the Degrees of Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - in the Institute of Health Care, 2007

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Institute of Health Care in virtue of the powers conferred upon it by section 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by section 81 (2) of the said Act:

**Citation and Interpretation**

1. (1) These bye-laws may be cited as the Bye-Laws for the Degrees of Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - in the Institute of Health Care, 2007.

(2) In these bye-laws, unless the context otherwise requires -

“the Board" means the Board of the Institute of Health Care;

“the Degree" means the Degree of Master of Philosophy - M.Phil. - or the Degree of Doctor of Philosophy - Ph.D. - as the case may be;

“the Institute” means the Institute of Health Care;

“the M.Phil./Ph.D. Committee” means the Committee appointed by Senate as prescribed in regulation 4 of the Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - Degrees Course Regulations, 1998; and

“the Principal Regulations” means the Doctor of Philosophy - Ph.D. - and Master of Philosophy - M.Phil. - Degrees Course Regulations, 1998.

**Applicability**

2. These bye-laws shall be applicable from 1st October 2006 onwards.

**Registration for the Degrees**

3. An applicant shall be eligible for registration for the M.Phil. degree if he/she:

(a) is in possession of a first degree in a related subject with at least Second Class Honours (Upper Division); or

(b) is in possession of an equivalent degree qualification as approved by Senate on the recommendation of the Board.

4. Where the Senate, on the recommendation of the Board, deems it necessary, it may require applicants to successfully complete a number of study-units under those conditions it may impose.

5. Before being allowed to register for the Ph.D. degree, an applicant in possession of the qualifications indicated in paragraph (a) of bye-law 3 shall normally be required to register in the first instance for the M.Phil. degree. Only in exceptional circumstances shall the applicant be considered for direct registration for the Ph.D. degree.

**Progress and Supervision**

6. Students shall be required to register every twelve months on the written recommendation of their supervisor.

7. In the case where a student's appointed supervisor is unable to continue providing supervision, another supervisor shall be appointed to enable the student to proceed with his/her studies.

**Transfer of Registration**

8. Transfer of studies from the M.Phil. to the Ph.D. degree shall be considered in terms of the Principal Regulations.

**Research Seminars**

9. The Institute attaches great importance to the association of students for the degrees with other research students and members of staff. Students shall therefore be required to participate fully in the research seminars of the Institute and present at least one seminar during the course of their studies.

**Change in Title**

10. Any changes to the title of the thesis or dissertation shall be approved by Senate, acting on the advice of the Board, and following a written recommendation by the student's supervisor.

**Submission of Thesis / Dissertation for Examination**

11. Further to regulation 3 of the Principal Regulations, a thesis for the Ph.D. degree shall report the discovery of new facts and/or demonstrate that the student has exercised independent critical power in reaching the reported conclusions. In both respects, the student shall indicate clearly the extent to which the thesis embodies the results of his / her own research and observations, and to what extent the investigation advances the study of the subject.

12. When submitting a thesis or dissertation for examination in terms of regulation 10 of the Principal Regulations, students shall submit five spiral-bound copies, according to the format indicated in bye-laws 13 and 14 (except for the hard binding requirement) to the Institute Administrative Officer. The Administrative Officer shall endorse the copies submitted and issue a dated receipt.

**Thesis Format and Presentation**

13. (1) Ph.D. theses shall not normally exceed 60,000 words, exclusive of appendices, bibliographies, glossaries and footnotes.

(2) M.Phil. dissertations shall not normally exceed 50,000 words, exclusive of appendices, bibliographies, glossaries and footnotes.

14. (1) Theses/dissertations shall be presented in the following format:

(a) typewritten or printed, using a 12 point font, on good quality white A4 paper, on one side only; the text to be in double line spacing;

(b) the margins shall be at least 20 mm top, bottom and right and 40 mm to the left;

(c) the binding shall be in cloth (preferably black), with stiff boards and good quality end papers, with lettering (preferably in gold) on the front and the spine showing:

(i) the name of the student;
(ii) the title or short title of the thesis/dissertation;
(iii) the degree for which the thesis/dissertation is submitted;
(iv) the year of submission;

Maps, diagrams, graphs, printed material, diskettes, etc. shall be bound with the thesis/dissertation, but if this is not possible they shall be presented separately in special folders or volumes and numbered.

15. A short abstract of the thesis/dissertation, of not more than 500 words, shall be bound with each copy submitted to the University.

16. Students may publish the whole or part of their thesis prior to its submission for examination, provided that in the published work it is not stated that it is under consideration for a higher degree. Such published work may later be incorporated in the thesis submitted for examination, provided that a statement to this effect is included in it as required by the Principal Regulations.

17. Students shall be required to submit a copy of the final version of their thesis/dissertation, within six weeks from the publication of the result, to each member of the Board of Examiners, as well as two copies to the Institute Administrative Officer, one of which shall be retained in the University Library and another one in the custody of the division concerned. The latter two copies and the supervisor's copy shall be hard-bound as indicated in bye-law 13.

**Procedures of the Board of Examiners**

18. (1) The Board of Examiners shall meet following the receipt of a preliminary report by the external examiner, who is not required to be present for this meeting. Due consideration shall be given to the preliminary report of the external examiner.

(2) If, during the meeting referred to in paragraph (1) of this bye-law, the Board of Examiners considers that the thesis/dissertation is of the necessary level to allow the student to proceed to the oral examination, it shall inform the student in writing of the date for the oral examination, not later than two weeks before the oral examination is due to take place.

(3) If, during the meeting referred to in paragraph (1) of this bye-law, the Board of Examiners considers that the thesis/dissertation clearly does not satisfy the requirements for the degree registered for, it shall refer it back to the student for revision according to the provisions of paragraphs (1) and (2) of regulation 12 of the Principal Regulations and shall submit a report to the Board.

19. In assessing the student for the award of the degree concerned, the Board of Examiners shall take into account both the thesis/dissertation and the performance of the student during the oral examination. A detailed written report shall be submitted to the Senate through the Board.

20. In the report specified in bye-law 19, the Board of Examiners shall recommend one of the following outcomes:

(a) that the thesis/dissertation is judged to be satisfactory, possibly subject to the correction of typographical or spelling errors, which do not require approval of the supervisor; or

(b) that the thesis/dissertation is judged to be satisfactory subject to revisions that are editorial in nature or that affect the presentation of the material. Such revisions shall require the approval of the supervisor only, who shall inform the Board of Examiners in writing that the revisions have been done according to the recommendations of the Board of Examiners by not later than one month following the student's oral examination; or

(c) that the thesis/dissertation is unsatisfactory in its current form, and major rethinking and/or research are required; or

(d) that the thesis/dissertation has not reached the required standard for the award of the degree, and that re-examination on the same research is not permitted.

21. In the case of a Ph.D. thesis that has not been approved in terms of paragraph (d) of bye-law 20, the Board of Examiners may recommend to Senate the award of the M.Phil. degree.

**Procedure during Oral Examination**

22. During the oral examination, the student is expected to present a synopsis of the thesis/dissertation of about 20 minutes, and then to answer questions posed by the members of the Board of Examiners. The supervisor shall ensure that the student is aware of the procedure to be followed.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) Valletta - *Published by the Department of Information - (doi.gov.mt) - Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern - *Printed at the Government Printing Press*
Prezz/*Price*
Lm0.04 (€0.09)